# Fil-Knisja filjali tal-Vitorja ta' Ħas-Sajjied

## *Żewġ Opri Sinifikanti ta' Min Jieħu Ħsiebhom*

Il-knisja tat-Twelid tal-Madonna jew tal-Vitorja f'Ħas-Sajjied hija waħda li fl-oriġini tagħha tmur lura sew fiż-żmien. Kienet waħda milli ra l-Viżitatur Apostoliku Dusina fl-1575. Fil fatt dan kien ra wkoll żewġ knejjes oħra f'Ħas-Sajjied, waħda ta' San Anard, li partijiet minnha kien għadhom jidhru sa m'ilux wisq, u oħra ddedikata lit-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna, li ddeskriviha bħala *f'post bogħod u magħluq* u li possibilment hija l-istess li aktar tard kienet deskritta li qiegħda fi *Sqaq it-Tiġieġ* – mhux dak li nafu llum li jmiss ma' Triq San Ġiljan, imma fi Sqaq Ħas-Sajjied fil-parti li sa xi tletin sena ilu kien għadha ma tinfidx. It-tlieta li huma, bħall-bqija tar-raħal, kienu sofrew id-devastazzjoni tal-Assedju l-Kbir (1575) imma sa għaxar snin wara, il-Vitorja u San Anard kien reġa' kellhom il-bieb tal-injam, ħaġa li ħafna knejjes fil-ġżira kien għad ma kellhomx, għalkemm l-altar tal-Vitorja kellu biċċa mwaqqgħa.



Fl-1724 inħasset il-ħtieġa li din il-knisja tal-Vitorja, li issa kienet qdiemet sewwa u mit-twaqqif tagħha qatt ma kienet ġiet mibnija b'sengħa u l-anqas ma kellha sagristija magħha, tinħatt biex minflokha tinbena knisja ġdida, *secondo lo stile moderno,* ta' kważi 300 sena ilu. Kellha tkun akbar minn qabel u tiżdied sagristija magħha. Għal dan il-għan il-prokuratur tagħha Dun Karlu Feliċi, nhar is-16 ta' Mejju 1724 talab u qala' mingħand il-Grammastru, biċċa art pubblika biex flimkien mal-art li fuqha kien hemm il-knisja maħtuta, titla' l-knisja tal-Vitorja l-ġdida.[1]

Mhux magħruf meta dil-knisja reġgħet inbniet mill-ġdid, x'aktarx bejn 1724, meta saret it-talba msemmija u l-1736,[2] b'forma ġdida isbaħ u tonda, kif nafuha llum, imma bla sagristija. Difatti l-knisja tal-

[1] AO: Vol 1100 p. 127v.

[2] Borg V., *Marian devotions in the Islands of Saint Paul (1600-1800)* p.38.

Vitorja bdiet tissejjaħ *La Rotunda*,[3] u mibnija bl-istil barokk moderat. Biss miż-żjara pastorali tal-1729 tal-Isqof Alpheran nieħdu li l-knisja kien għadha l-qadima u mid-deskrizzjoni taż-żjara tal-istess Isqof fl-1747[4] tidher li kien għadha kif kienet u kif dehret ukoll fiż-żjara tal-1716 tal-Isqof Cañaves. Fl-1729 jissemma wkoll li kien għad hemm il-kwadru l-antik li kien juri t-Twelid tal-Madonna b'San Anard u Santa Katarina.

## Altar ta' Rħam



Inbniet meta nbniet mill-ġdid il-knisja tal-Vitorja, fl-1768 kien hemm prokuratur il-Kanonku Dun Ġwakkin Ciantar. Fil-5 ta' April ta' dik is-sena dan ftiehem mal-marmista l-imgħallem Toni Nicolas biex ineħħi l-artal tal-ħaġar, u minfloku jagħmel wieħed tal-irħam skont id-disinn li kien ħallielu f'idejh. Dan juri allura li sa dik id-data l-knisja tal-Vitorja kienet lesta, għalkemm ma nafux sew kemm kienet ilha. Ix-xogħol tal-altar tal-irħam kellu jkun lest fi żmien sena, inkella l-prokuratur kien iqabbad lil xi marmista ieħor a spejjeż ta' Nicolas. Il-ħlas miftiehem kien ta' 140 skud. Biex wieħed japprezza dis-somma jrid jifhem ngħidu aħna, li kapumastru prim bħal Salvu Borg li kien ħażżeż u bena l-qofol tal-knisja ta' Santa Liena fl-istess żmien, kien jitħallas bi tliet skudi fil-ġimgħa, meta kien jaħdem is-Sibt ukoll.

Il-kuntratt biex isir l-altar tal-irħam tal-knisja tal-Vitorja sar fil-Kolleġġjata fil-preżenza tal-Prepostu Bertis (1755-1769), u ta' Dun Anton Sciberras u Dun Ġużepp Balzan.[5] Huwa altar magħmul minn għadd ta' rħamijiet ta' kwalitajiet u ta' kuluri differenti, u b'lavur intrikat ħafna, speċjalment fil-parti ta' quddiem tal-mensa jew mejda. Hawn l-artist disinjatur u l-marmista ħolqu speċi ta' ventartal intrikat, bil-monogramm Marjan f'raġġiera, u bil-ward u l-ġilji mdawrin miegħu, kollox f'riljiev u mhux intarz. [6]

Fost l-għadd ta' viżti pastorali tal-Isqof Labini l-iktar waħda li tinteressana hija l-ewwel waħda li saret f'Birkirkara fis-6 ta' Ġunju 1781, u xi ħaġa żgħira mill-aħħar waħda li saret bejn l-1802 u l-1805.[7] In-Nutar tal-ewwel viżta pastorali kiteb li dan l-Isqof ġie milqugħ fil-knisja tal-Vitorja mill-Arċipriet li wasslu sa fuq l-altar maġġur, li kien kollu tal-irħam. Kien artal maħdum tajjeb, addattat għall-quddiesa u mżejjen b'mod xieraq u ma kien jonqsu xejn.

---

[3] Ibid; p. 38; Vella E.B., op.cit. p. 172

[4] Ta' min ifakkar li bejn l-1726 u l-1745, il-Karkariżi kienu għaddejjin bil-bini tal-knisja ta' Santa Liena u li kienet qed titlob minnhom sforzi kbar. Għalhekk huwa probabbli li l-knisja tal-Vitorja nbniet effettivament wara l-1747, meta jekk għallinqas il-knisja ta' Santa Liena kien għadha mhix lesta, għallanqas kienet bdiet tintuża.

[5] Grech F. Nutar, 5 April 1768.

[6] Jingħad li kien fuq is-suċċess ta' dan l-altar li ftit wara kien sar ukoll dak tas-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba bil-prospettiva ta' madwar il-kwadru.

[7] A.A.M., V.P. Labini

## Il-Kwadru Ewlieni



Jissemma wkoll l-kwadru titulari tal-knisja li jingħad li kellu gwarniċ madwaru u skultura tal-ġebel miżbugħa b'diversi kuluri. Il-prospettiva kollha kienet mimlija, u l-kwadru kien dak li juri t-Twelid tal-Madonna kif nafuh illum. Nistgħu ngħidu li l-kwadru hu wieħed mill-isbaħ, verament artistiku, li għalkemm ma nafux la d-data u lanqas il-pittur li għamlu, jidher ċar li sar minn artist tajjeb, possibbilment lejn l-1770.

Dan huwa kwadru li jiġbed l-għajn u jidher li kien sar minn id tajba. Dik il-ħabta kien hemm għadd ta' pitturi jaħdmu f'Malta. Wieħed jista' jeskludi li Francesco Zahra u Antoine de Favray, li mhux fid-daqqa tagħhom u jista' jkun ukoll li dan tal-aħħar ma kienx f'Malta dik il-ħabta li sar il-kwadru tal-Vitorja. Imma fost ismijiet oħrajn wieħed jittanta jsemmi lil Rokku Buhagiar, Giuseppe Pace jew Carlo Zimech. Anqas ma jidher li hu tad-daqqa ta' xi Salvatore Morales, li mill-ftit li xejn li nafu fuqu, ix-xogħol tiegħu kien aktar provinċjali. Forsi xi darba għad tinqala' xi ħaġa bl-iswed fuq l-abjad li turi min tabilħaqq seta' kien il-pittur ta' dan il-kwadru. Inkella xi għajn esperta li twassal għal attribuzzjoni aktar fis-sod.

Sadattant diġà għaddew maż-żewġ sekli u nofs, kemm minn fuq l-altar u kemm minn fuq il-kwadru tal-knisja tal-Vitorja ta' Ħas-Sajjied. U ż-żmien jagħmel tiegħu fuq kollox. U l-istat tal-altar huwa kompromess ukoll serjament mill-umdità li titla' mill-art, għax dak iż-żmien li kien sar ma kinux jafu b'*damp-proofing*. Għalhekk forsi wasal iż-żmien li dawn iż-żewġ opri jingħataw attenzjoni xierqa għall-istat ta' konservazzjoni tagħhom biex ikunu jistgħu jitgawdew fit-tul aktar 'il quddiem.

**Nota**

Dan l-artiklu hu prinċipalment ibbażat fuq kitba, mhux ippubblikata, dwar l-istorja tal-knisja tal-Vitorja ta' Ħas-Sajjied tal-mibki Kan. Dun Vincenz Buhagiar.